MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2626/2002

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija
estera Royal and Sun Alliance Insurance Plc u b'nota tat-
12 ta' Mejju, 2004 Elmo Insurance Limited assumiet l-atti
minflok Elmo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Alfred Ellul**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut ihallas Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku kif ahjar deskritt fl-istess Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li ddikjara li mhux responsabbli ghall-incident ghaliex kienet il-vettura proprjeta’ ta’ Edward Refalo misjuqa minn mara li baqghet diehla fuq il-vettura tieghu meta huwa waqaf f’inkrocju biex jesplora t-triq qabel johrog fiha.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta datata 14 ta’ Lulju, 2003 li fiha xehed il-Maggur Joseph Mula, Claims Manager tas-socjeta’ attrici, fejn ighid li Alfred Ellul kien inxurjat b’polza ta’ *third party only* u kienu nfurmawh xi tlett darbiet biex imur ghandhom izda baqa’ jinsisti li ma riedx jaccetta t-tort. Ighid ukoll li s-socjeta’ attrici kienet infurmatu fejn se jzommuh responsabbli jekk ikun hemm xi spejjez legali. Jikkonferma li l-konvenut ma hallasx il-*policy excess* u fil-fatt is-socjeta’ attrici hallset it-*third party* u fuq din il-bazi qed jikklamjaw il-hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00c). Jikkonferma li s-socjeta’ attrici ssetiljat il-*claim* tal-konvenut.

Ra x-xhieda ta’ Alfred Ellul fejn ighid li l-incident sehh meta hu waqaf jistenna li jinghata s-sinjal minghand xi nies li kienu qed jaghtu l-konkos ghaliex ma setghax ighaddi, fejn giet mara bil-vettura minn warajh u baqghet diehla go fih. Wara xi erbat ijiem ighid li rcieva telefonata minghand ir-ragel tal-mara li dahlet fuqu biex imorru ghand l-Insurance. Jikkonferma li ffirma xi karta liema karta ma jafx x’kienet minhabba li hu ma jafx jikteb u lanqas jaqra.

Ra x-xhieda ta’ Michael Miziot, prodott mis-socjeta’attrici fejn jikkonferma li meta l-konvenut fetah *claim*, Miziot kien spjegalu l-kontenut tal-*Claim Form*.

Ra illi fil-*Motor Claim Form* il-konvenut ikkonferma li kien qed jirriversja u dahal fil-vettura ta’ warajh.

**Ikkunsidra**

Li skond il-polza ta’ assigurazzjoni bejn il-partijiet (esebit a fol 11 tal-process) is-socjeta’ attrici hi ntitolata biex “take

over and conduct in your name….the defence or settlement of any claim".

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici kellha kull dritt li tagixxi kif spjega l-Maggur Joseph Mula u ghalhekk it-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) bl-ispejjez u bl-imghax mit-22 ta' Gunju, 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------